MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Numru. 1112/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca )

vs

Carmen Testa
Vincent Testa

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputata, Carmen Testa ta’ 46 sena bint Joseph u Grace nee’ Azzopardi mwieleda Rabat fit-3 ta’ Novembru 1958 u residenti ‘Helen’, Triq it-Torri Wejter, B’kara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 729258(M) u l-imputat Vincent Testa ta’ 48 sena iben Alfred u Giorga nee’ Troisi, mwieled B’kar, Fl-4 ta’ April 1957 u li jirrisjedi ‘Helen’, Triq it-Torri Wejter, B’kara B’kara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 277457(M) li gew mressqin quddiemha akkuzati talli-:

1. Bil-qerq holqu jew gieghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u cioe kontra certu Issa Isslam Tawfik Issa, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat u dan bi ksur tal-artikolu 110(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi iddenunzjaw lill-Pulizija Esekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu t-tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dna bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta’ Ottubru 2007 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom  fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2007 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tad- 9 ta’ Novembru  2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma  hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huma nghataw iz-zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti tiddikjara  li m’ghandhiex triq ohra salv

li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputat Vincent Testa (esebita *a folio* 4 tal-process) u il-fedina penali netta ta' l-imputata Carmen Testa (esebita *a folio* 5 tal-process) u l-fatt li l-imputati ikkoperaw bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-ammissjoni bikrija tal-imputati.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 110(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor sa zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------